# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Nru. 1228

Kaz Nru. 1388

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Gerald Mangion

u

Power Cut Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum, 19 t'Ottubru 2001

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

INTRODUZZJONI:

Illi b'ittra datata l-1 ta' Novembru, 1999 l-appellant talab lill-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal u b'ittra datata 2 ta' Novembru, 1999, it-talba giet rimessa ai termini tal-Kap 266.

DIKJARAZZJONII TAL-KAZ:

L-appellant jallega li korra fuq il-post tax-xoghol nhar is-27 ta' Lulju, 1998, hareg bl-injury leave, u qabel l-gheluq tas-sena, ipprova jirritorna fuq il-lant tax-xoghol. Ma thalliex - ma giex offrut lilu xoghol light duty - l-impjieg gie lilu tterminat.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata tallega li wara sena nieqes mix-xoghol minhabba li wegga', ippretenda li jidhol ghax-xoghol izda jitpogga fuq 'light duty'! Il-kumpanija taghmel xoghol ta' thaffir u xoghol hafif ma kellhiex. B'hekk ma setghetx ma titterminax l-impjieg tieghu billi ma kellhiex xoghol alternattiv.

PROVI:

L-appellant xehed li wegga' nhar is-27 ta' Lulju, 1998, meta kienu qed jaghmlu xoghol lil Maltacom. Kien qed jimbotta kompressur, zelaq u ghadda minn fuqu, b'konsegwenza li sofra dislokazzjoni tal-minkeb tal-lemin. Dam barra mix-xoghol ghal ftit anqas minn sena. Idejh ma gietx dritta. L-uniku piz li seta' jerfa' huwa sigarett, fejn qabel kien jack hammer operator, ossia xoghol ta' strapazz u manwali. Jirrapporta lura ghax-xoghol jumejn qabel ma ghalaq is-sena. Ma setax jaghmel l-istess xoghol bhal qabel bl-injury li sofra. Kien ordnat johrog fuq leave, imbaghad sick leave, wara x-xoghol gie terminat.

Joseph Cauchi - direttur tas-socjeta' intimata - stqarr li hija thaddem tmienja min-nies - li gew sekondati mal-Maltacom fuq jack hammer, u tlieta mieghu bhala drivers. Kellhom

xoghol iehor ta' thaffir ta' trinek. Ma kellhomx xoghol 'light duty'. Ta lill-appellant dak kollu seta' jaghtih 'injury leave' u 'sick leave'. Ma setax jaghtih aktar.

Leonard Caruana - technical officer mal-Maltacom - spjega il-procedura li kienet tintuza. Kien jassenja x-xoghol huwa lin-nies tas-Socjeta' intimata, inkluz l-appellant. Kien xoghol manwali u tqil. Ma kellux xoghol iehor x'jipprovdilu.

Carmel Dalli - esebixxa l-'punch cards' ta' l-appellant - spjega kif tahdem is-sistema. Xehed ukoll Patrick Bellia - time keeper mal-Maltacom. Kien jaf minn kienu l-haddiema tal-kuntrattur, inkluz lill-appellant. Jiftakar li kien inghata ordni biex ma jhalluhx jippancja l-ahhar hrug tieghu.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-perm ta' l-odjerna vertenza hija l-applikazzjoni tal-Art. 10 u 34 tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tax-Xoghol (Kap. 135) . Aktar u aktar meta l-Art. 32(4) tal-Kap 266 jorbot lit-Tribunal li ma jistax imur kontra l-ligi miktuba. L-appellant aderixxa ruhhu ma' l-istruzzjonijet ta' l-istess ligi.

Wegga' fuq il-post tax-xoghol. F'gheluq is-sena ta' l-'injury leave', kien ghadu ma rkuprax totalment biex jirritorna ghad-doveri precedenti tieghu. Kien tajjeb unikament ghal 'light duty' kif certifikat mill-esperti medici.

Il-fatto sta li l-principal tieghu ma setax jipprovdilu dan il-'light duty' - xoghol iebes manwali ma setax jaghmlu u kien hemm disponibbli l-istess xoghol ta' qabel, pero' ma

kienx tajjeb ghalih. Tant ried jahdem, li baqa' jirrapporta fejn kien jahdem qabel. Spicca biss meta ttehditlu l-'punch card'. Il-principal agevolah billi tah li seta' jinghata. Piu 'di cosi''......L-impjieg tieghu ma giex terminat f'din is-sena fatali u lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Huwa tenut il-principal izomm haddiem mieghu li ma hux tajjeb ghax-xoghol li taghmel l-istess kumpanija? Xoghol atlernattiv ma kienx disponnibbli, 'light duty' lanqas. Wara dan l-ezawriment tad-dover tieghu, x'inhu tenut jaghmel il-principal? - jew ihallsu talli ma jaghmel xejn, jew izommu, jew jitterminalu.

Il-principal ghazel li jitterminah, li kien fil-pjeni drittijiet legali tieghu li jaghmel dan. Dan jaghmel sia sens legali u sia sens ta' relazzjoni ndustrijali lavorattiva. L-estensjoni tal-perijodu tas-sena ghal zmien qasir da parti tal-principal m'ghandhux jigi nterpretat b'mod ristrettiv jew negattiv da parti ta' l-appellant. Il-ligijiet ghandhom jigu nterpretati w applikati b'mod oggettiv u in bona fede. Veru li l-appellant spicca bla xoghol minn mal-principal tieghu. Pero' b'daqshekkl ma jistax jinghad li m'hemmx ligijiet socjali ohra li ma jipprovdux ghal kazijiet simili bhal dak in ezami. Ghalhekk is-socjeta' u l-istruttura legislattiva taghha avvanzat matul id-dekors taz-zmien u hemm bzonn tavvanza aktar. Mhux pero' a skapitu ta' min ihaddem. Huma supplementari ghal xulxin.

<u>KONKLUZZJONI</u>

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol billi jiddikjara li l-impjieg gie terminat ghal raguni valida u gusta.

B'hekk din il-kwistjoni giet terminata definittivament.

Ghal fini ta' tassazzjoni qed jigi ffissat l-ammont ta' erbghin Lira Maltin (Lm40).

**DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**
**CHAIRMAN**